



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawżi magħquda C-159/12 sa C-161/12

Alessandra Venturini

vs

ASL Varese *et*

Maria Rosa Gramegna

vs

ASL Lodi *et*

u

Anna Muzzio

vs

ASL Pavia *et*

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per la Lombardia)

“Libertà ta’ stabbiliment — Article 49 TFUE — Saħħa pubblika — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ttiprojbixxi lill-para-spiżeriji milli jbigħu prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika mħallsa mill-pazjent”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tal-5 ta’ Diċembru 2013

1. *Domandi preliminari — Ġurisdiżzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Domanda magħmula fuq tilwima li qamet fi Stat Membru wieħed biss — Inklużjoni fid-dawl tal-applikabbiltà eventwali tad-dritt tal-Unjoni għall-imsemmija tilwima minħabba projbizzjoni ta’ diskriminazzjoni imposta mid-dritt nazzjonali*

(Artikolu 267 TFUE)

2. *Libertà ta’ stabbiliment — Restriżzjonijiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ttiprojbixxi lill-para-spiżeriji milli jbigħu prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika u li jitħallsu kompletament mix-xerrej — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni — Protezzjoni tas-saħħa pubblika — Kundizzjonijiet*

(Artikolu 49 TFUE)

1. Risposta għal domanda preliminari tista’ tkun utli għall-qorti tar-rinviju, anki f’sitwazzjoni purament interna li fiha l-elementi kollha huma limitati għal Stat Membru wieħed, b’mod partikolari fil-każ fejn id-dritt nazzjonali jimponilha li tagħti lil ċittadin nazzjonali l-istess drittijiet bħal dawk li ċittadin ta’ Stat Membru ieħor kien jikseb mid-dritt tal-Unjoni fl-istess sitwazzjoni.

(ara l-punt 28)

2. L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni li tipprojbixxi lil spiżjar, ikkwalifikat u rreġistrat mal-assoċjazzjoni professjonali, iżda li ma huwiex proprjetarju ta' negozju inkluż fil-mappa, milli jiddistribwixxi bl-imnut, fil-para-spiżerija li tagħha huwa proprjetarju, anki dawk il-prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika li ma jitħallsux mis-servizz tas-saħħa nazzjonali u li jitħallsu kompletament mix-xerrej.

Fil-fatt, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal din li tirriżerva d-distribuzzjoni tal-imsemmija prodotti mediċinali għall-ispizieriji biss, li l-ftuħ tagħhom huwa suġġett għal sistema ta' pjanifikazzjoni, hija adatta sabiex tiġi żgurata provvista adegwata u ta' kwalità ta' prodotti mediċinali għall-popolazzjoni kif ukoll, konsegwentement, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Tali leġiżlazzjoni, sa fejn din tnaqqas sostanzjalment ir-riskju marbut ma' sitwazzjoni eventwali ta' nuqqas ta' spiżeriji, ma tidhirx li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi żgurata provvista adegwata u ta' kwalità ta' prodotti mediċinali għall-popolazzjoni.

(ara l-punti 55, 63, 66 u d-dispożittiv)